Minuti tal-laqgħa numru ħmistax tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi (KLQ) li nżammet nhar is-7 ta' Lulju 2025 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Muniċipali fi Triq il-Knisja, l-Qrendi.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur David Michael Schembri | Sindku |
| | Is-Sa Anthea Sacco | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Karmenu Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sa Nina Skye Briffa | Kunsillier |
| | Is-Sa Marion Parnis | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv (DSE) |

15.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġija** Presedenza

Is-Sur David Michael Schembri ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

15.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-seduti numru erbatax** Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru erbatax kienu mogħtija mal-agenda, ikkunsidrati u approvati unanimament wara li kienu proposti mis-Sa Anthea Sacco u ssekondati mis-Sa Nina Skye Briffa.

15.03 **Skemi tad-Dipartiment Gvern Lokali pendenti** Skemi tad-DGL

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi se japplika għal skema biex jitkompla is-sular ta' fuq taċ-Ċentru Ċiviku hekk kif ikollna f'idejna il-BOQ dettaljata tal-Perit.

15.04 **Approvazzjoni tal-Permessi tal-Kabbani, l-Imwejjed u s-Siġġijiet tal-Festa ta' Santa Marija** Permessi tal-Festa

Kienu approvati l-permessi tal-kabbani u tal-Imwejjed u s-siġġijiet fil-festa ta' Santa Marija 2025 lil dawk li kien inħarġilhom il-permess fis-sena 2024 fl-istess festa.

15.05 **Ħatra ta' Segretarju Ezekuttiv** Ħatra ta' Segretarju Ezekuttiv

Ir-rapport tal-intervisti tal-Bord tal-Għazla tas-Segretarju Ezekuttiv iffurmat mis-Sindku, is-Sur David Michael Schembri, il-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco u l-kunsilliera is-Sa Nina Skye Briffa kien ikkunsidrat. Kien imressaq għal vot mis-Sur Karmenu Farrugia u ssekondat mis-Sa Marion Parnis u s-Sinjura Rachel Aquilina kienet approvata unanimament biex tilħaq Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

15.06 **Minn Pjazza għal Pjazza** Minn Pjazza għal Pjazza

Ezattament qabel din il-laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, inżammet laqgħa oħra fuq is-sit mad-Direttur Artistiku ta' Minn

Pjazza għal Pjazza, is-Sur Daniel Cauchi u s-Sa Maria Spiteri Zahra flimkien mas-Sindku, is-Sur David Michael Schembri, il-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco u l-kunsillieri is-Sur Karmenu Farrugia u d-Deputat Segretarju Ezekuttiv, is-Sur Anthony Bonello u l-ko-ordinatur, is-Sur Aaron Farrugia. F'din il-laqgħa kienu deċiżi diversi affarijiet:

(i) Ġaladarba se jkun disponibbli Ħaġar Qim għal din l-attività, fi Triq Rokku Buhagiar se nibdew bit-tombla fis-7:00pm.
(ii) Se jitpoġġew zewġ palkijiet, ta' għoli mhux aktar minn 40cm-il wieħed quddiem il-Knisja Parrokkjali u l-ieħor faċċata tal-Kazin Lourdes
(iii) Se jkun hemm logħob tradizzjonali bħal Passju, eċċ għat-tfal
(iv) Fl-aħħar sagħtejn se jkun hemm zewġ bands fuq il-palkijiet
(v) Is-sit fejn se jintwera l-film se jkun quddiem Sqaq Lourdes, fejn l-istatwa ta' Santu r-Rokku.

15.07 **Audited Financial Statements 2024 u Tweġiba għall-Management Letter**

L-Audited financial Statements kif ukoll it-tweġiba għall-Management letter kienu proposti għall-vot mis-Sa Anthea Sacco u ssekondati mis-Sa Nina Skye Briffa u dawn ġew approvati u ffirmati skont kif telgħu mal-Agenda bħala dokumenti uffiċjali.

15.08 **Iċ-Ċentru Ċiviku** Ċentru Ċiviku

Is-Sur David Michael Schembri tkellem fit-tul fuq dawn ix-xogħlijiet li għaddejjin f'dan iċ-ċentru u qal illi qed tiġi mħejjija 'snag' list biex l-affarijiet li hemm bżonn jitranġaw, jiġu fil-fatt irranġati. Is-Sur David Michael Schembri qal illi l-kuntrattur qabbad persuna mill-Italja biex tirranġa dawn l-affarijiet. Id-DSE staqsa lis-Sindku, is-Sur David Michael Schembri dwar ix-xogħol fuq il-latrina awtomatika taċ-Ċentru Ċiviku għaliex intalab jirrispondi lir-Reġjun Punent dwar dan peress li dawn huma parti mil-proġett tal-latrini awtomatiċi. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri se jirrispondihom direttament.

Is-Sur Karmenu Farrugia ilmenta għaliex inqata' d-dawl elettriku mil-bandli fil-festa tal-Madonna ta' Lourdes li qed jieħu mil-fergħa taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi peress li dan hu temporanju għaliex ma nistgħux inġibuh permanenti minħabba li m'għandniex *compliance certificate,* dan jiskadi wara tliet xhur, u inzerta skada dak in-nhar tal-festa.

Is-Sur Karmenu Farrugia talab lis-Sindku biex mal-i'snag' list jiżdiedu l-ponot tas-sollijiet tal-ħwat tas-siġar tal-bandli biex xi ħadd itajrilhom ix-xifer. Il-ħamrija ta' dawn il-ħwat se titpoġġa fil-jiem li ġejjin biex inkunu nistgħu inħawwlu s-siġar fi proġett ieħor b'kollaborazzjoni ta' *Project Green*.

Intant il-Kunsill Lokali tal-Qrendi approva wkoll estenzjoni tax-xatba ta' barra kif ukoll it-talba biex id-Dipartiment għall-Gvern Lokali jagħtina ċ-ċans naħdmu bl-istess kuntrattur għas-sular ta' fuq taċ-Ċentru.

Is-Sur Karmenu Farrugia fakkar fl-importanza li tibda' topera mil-ġdid il-Berġa li hija parti mill-istess binja. Hawnhekk is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi irid jitranġa it-taraġ tal-Berġa u jitwaħħal is-sink u fadal xi xogħol fuq il-kitchenette.

Sadanittant, ic-charging pillar li kien hemm proġettata li titpoġġa viċin iċ-Ċentru Ċiviku ġiet relokata għal sit li ma jtellef lil ħadd, lanqas lil ġirien, dejjem fl-istess sit.

**SPI/SCI/7/2025 – Komunitajiet aktar b'saħħithom** SPI/SCI/7/2025
Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi qabel unanimament illi japplika biex ikun hemm il-finanzjament tal-Gvern Ċentrali tal-kumplament tat-tieni sular taċ-Ċentru Ċiviku fi Triq Nicolò Communet, skont il-BOQ's tal-Perit.

15.09 **Ġnien tal-Kmand (DLH Guardianship)**
Ix-xogħlijiet f'dan il-ġnien kienu jinkorporaw iz-zbir tas-siġar taċ-ċitru minn Project Green biex jitneħħilhom in-niexef tagħhom u oħrajn biex ikun jista' jitpoġġa scaffolding fuq in-naħa ta' wara tal-ħajt tal-faċċata. Ix-xogħol ta' Project Green se jkun jikkonsisti fid-drip irrigation tas-siġar taċ-ċitru, pompi tal-ilma u l-funtana (biex tfal ma jkunux jistgħu jegħrqu fiha).

Sadanittant sar survey mis-Sovratendenza għall-Patrimonju Kulturali u tal-Heritage.

Is-Sur David Michael Schembri, s-Sindku spjega fit-tul l-importanza tal-iffirmar tal-*Guardianship Deed* ma' Din l-Art Ħelwa. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi dawn se jagħtuna €150,000 għar-restawr tal-istess ġnien li ma nafux jekk hux se jkopru l-ispejjez kollha għaliex m'hemmx stima uffiċjali kemm dan se jiġi jiswa. Minkejja li s-Sur Karmenu Farrugia talab jekk hemmx lok li din is-somma tiżdied għal per eżempju €180,000 bi ftit aktar insistenza, intqal illi ma nistgħux nagħmlu dan għaliex wara kollox DLH se jiffinanzjaw anke l-ftuħ tal-ġnien mil-voluntieri u wkoll mil-isponsors tagħhom. Dan wara kollox bħalma qed jiġri f'siti oħra bħat-torrijiet tal-Mellieħa u wkoll ta' Xutu f'Wied iz-Zurrieq. Dwar l-iffirmar ta' dan il-ftehim propost mis-Sa Anthea Sacco, l-Viċi Sindku u ssekondat mis-Sur Karmenu Farrugia, kien hemm vot unanimu favur għaliex anke l-istess Sa Anthea Sacco qalet li hemm bżonn urġenti li per eżempju jiġi rrestawrat il-ħajt ta' fuq barra peress li qed jaqgħu il-ġebel minnu. Sadanittant se nkellmu lid-Direttorat tar-Restawr dwar dan.

15.10 **Mozzjoni - *Carrying Capacity***

Kopja tal-mozzjoni qiegħda ma' dawn il-minuti. Is-Sa Nina Skye Briffa spjegat il-bzonn li jsiru dawn l-istudji biex naraw kemm ir-raħal tal-Qrendi jiflaħ għall-izvilupp li qed isir fih. Is-Sur David Michael Schembri staqsa għaliex dan l-interess kollu issa u meta kien hemm laqgħa dwar il-*local plan* tal-Awtorità tal-Ippjanar ma tfaċċa ħadd. Hu qal li din kien imissha saret PQ u ma tkunx diskussa on a *political* level. Is-Sa Nina Skye Briffa qalet li l-PQ's mhux qed jiġu imwieġba u kien għalhekk illi l-PN addotta dan il-mod biex l-istudju jkun propost mil-Kunsilli Lokali stess u jkun iffinanzjat mil-Gvern Ċentrali u l-awtoritajiet tiegħu. Is-Sur David Michael Schembri, semma' studju ieħor li ffinanzja l-Kunsill Lokali tal-Qrendi dwar it-traffiku li ġieħ €3,000 u baqa' ma sar xejn, filwaqt li ressaq kontro – proposta għaliex qal li kull Reġjun kien għamel studju ta' *Impact Assessment* li partijiet kbar minnu se jkunu qed jirrispondu l-informazzjoni li għandna bżonn f'din il-mozzjoni. Intant il-vot kien pospost għal ġurnata oħra filwaqt li s-Sa Marion Parnis qalet illi hija m'hix komda tieħu vot fuq dan għaliex irridu ningħataw direzzjoni mingħand xi ħadd.

15.11 **Triq it-Tabib Gregorjo Mifsud**

Issemmew id-diffikultajiet tar-residenti f'din it-triq u wkoll ta' toroq li jmissu magħha. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal li kien inħareġ permess għal tliet ġimgħat mill-uffiċċju biex tiġi restawrata faċċata ta' residenza. Madankollu l-iskrivan ta estenzjoni għal ġimgħa oħra mingħajr ma ħa kkunsidra illi kif tpoġġa dan l-iscaffolding ingħalaq l-aċċess ta' din it-triq u toroq oħra, minkejja li kien fadal aċċess minn Triq Santa Katerina. L-iskrivan inħarġitlu *default notice* filwaqt li dawn is-sidien qed jgħidu li peress li din hija faċċata antika, ix-xogħol qed jitwal minħabba l-burokrazija tal-awtoritajiet li jissalvagwardjaw il-Patrimonju Kulturali billi qed jaraw x'ġebel irid jinqala għaliex ikun tmermer maz-zmien.

Sadanittant kellu jintefa' materjal tal-iscarrifying fit-triq biex ma jkunx hemm problemi biex jgħaddu n-nies u wkoll hemm intenzjonat li jitħaffer gandott ieħor biex jitpoġġew cables tad-dawl inkluż dawk tal-*istreet lighting* mill-Korporazzjoni Enemalta.

15.12 **Wied iz-Zurrieq Latrini Awtomatiċi u Sistema tad-Drenaġġ**

Is-Sur David Michael Schembri, is-Sindku tkellem fuq il-proġett ta' latrini awtomatiċi intenzjonat għal Wied iz-Zurrieq. Dan se jkun proġett pilota mil-Gvern Ċentrali. Il-proġett se jkun qed jikkumplimenta dak tas-sistema tad-drenaġġ li għall-ewwel darba se jitqabban mal-*main sewer* kif tħabbar mil-Ministeru għall-Enerġija, l-Ilma u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir. Dan hu intenzjonat biex jibda' bejn Settembru u Marzu 2025 billi titħaffer fossa kbira (ġiebja) fejn hemm il-kabbana tal-ġelat.

15.13 ***Charging Pillars* għall-vetturi elettriċi fil-Qrendi**

Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi s'issa għandna *charging pillar* wara l-Knisja li qed topera b'mod normali. Dan l-aħħar tpoġġiet oħra fi Triq Puniċi, Triq Nicolò Communet u oħra fi Triq Ġuze' Cassar fejn l-ATM. Dawn tal-aħħar għadhom mingħajr supply filwaqt li hu intenzjonat li titpoġġa oħra fi Triq tal-Warda.

15.14 **Applikazzjoni tal-BCRS f'Ħal Lew**

Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri informa lill-kunsillieri illi hemm il-ħsieb illi titpoġġa BCRS machine f'Ħal Lew fejn Bufni Gardens. Dan wara li kien hemm diversi siti proposti f'postijiet differenti fil-Qrendi u ma kienux aċċettati mil-management tal-BCRS.

Intant, is-servizz tal-Mobile BCRS tad-Dipartiment għall-Manutenzjoni u l-Indafa Pubblika, għal dawk il-persuni ta' 'il fuq minn sittin sena, issa qed jaħdem b'mod normali u dawn qed jiġu l-Qrendi nhar ta' Ħamis.

15.15 **Punti Oħra**

15.15.01 Il-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco, tkellmet dwar ilment li twassal lilha minħabba li Tal-Linja qed tgħaddi minn Triq Nicolò Communet. Dan għaliex it-triq kienet affettwata bid-devjazzjoni tal-festa tal-Madonna ta' Lourdes peress li ma kienetx qed titla' quddiem il-Knisja u s'issa jidher li għadha hekk sakemm il-kazin iżarma l-armar tal-festa mit-toroq fiċ-ċentru. *Devjazzjoni fil-festi*

Il-Kunsill ħa vot fuq proponiment tas-Sindku, is-Sur David Michael Schembri u ssekondant is-Sa Anthea Sacco sabiex l-għeluq tat-toroq isir minn ħmistax-il ġurnata qabel sa ħmistax-il ġurnata wara l-festa. Dan il-vot għadda unanimament.

15.15.02 Il-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco ilmentat minn ħaxix ħażin fi Triq RAF Krendi, Triq il-Panorama, Triq l-Għarix u Triq tal-Providenza. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal illi l-kuntrattur tal-Kunsill m'għadux jiġi jagħmel ix-xogħol, madankollu irnexxielna nġibu lis-Sur Emanuel Caruana u lis-Sur Richard Saliba mill-iskema tal-RSS u dawn xogħlhom hu esklussivament biex jaqtgħu il-ħaxix ħażin. Dawn qed jagħmlu xogħol utli ħafna u lestew diversi toroq. Is-Sur Karmenu Farrugia qal illi bħal issa għandna sitwazzjoni ta' emerġenza u jinħtieġ li naġixxu mingħajr dewmien biex nikkontrollaw dan il-ħaxix ħażin. *Ħaxix Selvaġġ*

15.15.03 Is-Sa Anthea Sacco semmiet talba ta' double yellow line ta' persuna li toqgħod fi Triq Lourdes propju taħt it-tieqa tagħha. Hawn intqal illi dan mhux possibbli li jsir u anke TM infurmawha. *Double Yellow Line*

15.15.04 Is-Sa Anthea Sacco talbet biex tinħasel it-triq fil-festa li jmiss ta' Santa Marija bħalma inħaslet fil-Festa tal-Madonna ta' Lourdes. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal li peress li mhux qed jużaw scrubber / power washer, l-ilma biss minn pajp mhux daqshekk *Ħasil ta' toroq*

effettiv. Madankollu se nitolbu lid-Dipartiment tal-Indafa u l-Manutenzjoni biex jinħasel iċ-ċentru tar-raħal.

15.15.05 Is-Sa Anthea Sacco qalet illi t-tindif f'ċertu ġranet fil-Festa tal-Madonna ta' Lourdes jew ma sarx jew inkella ma sarx sew. Hija insistiet biex isir programm ta' tindif fil-ġimgħa tal-Festa. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri ċempel lis-Sur Philip Azzopardi tad-Dipartiment tal-Indafa u l-Manutenzjoni dak il-ħin fil-laqgħa biex jiċċara dan is-suġġett. Is-Sur Karmenu Farrugia insista biex issir laqgħa mal-uffiċjali tad-Dipartiment tal-Indafa u l-Manutenzjoni biex fil-festa ta' Santa Marija ma tirrepetix ruħa din l-istanza. Tindif fil-festi

15.15.06 Is-Sa Anthea Sacco tkellmet dwar l-attività tal-Kunsill li se ssir fil-Gzira Għawdxija nhar it-18 ta' Lulju, 2025. Hija talbet ħaddiem tal-Kunsill biex jassistiha. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal li se jistaqsi lill-istaff dwar dan. Għawdex

15.15.07 Is-Sa Marion Parnis talbet spjegazzjoni dwar kif l-isem tal-Qrendi ma deherx fil-lista li pprovdew l-Uffiċjali tal-*Life Long Learning*. Id-DSE qal illi fil-*prospectus* hemm imniżżel il-kors *Digital Skills: Learn to use your smartphone and/or tablet code BDST08IL-2 kif ukoll dak tal-Health, Wellbeing & Successfull Ageing code HHWS3OM1-2*. Dawn se jsiru fil-Kunsill Lokali tal-Qrendi. Lifelong learning

15.15.08 Is-Sa Marion Parnis talbet il-flus li se jingħataw mid-donazzjonijiet li rċieva l-Kunsill permezz tat-tberik tal-annimali fil-Festival tal-Patata 2025. Dawn se jingħatawlha fil-laqgħa li jmiss. Donazzjonijiet

15.15.09 Is-Sa Marion Parnis ilmentat illi kien hemm xi skart li ma nġabarx mil-parkeġġ f'Wied iz-Zurrieq. Se nkunu qed inwasslu l-kelma lill-kuntrattur permezz tar-Reġjun Punent li qed jamministra l-kuntratt. Skart

15.15.10 Is-Sa Nina Skye Briffa tkellmet fuq il-Kunsill Lokali tat-Tfal. Hija qalet illi dan għadu jiltaqa' f'Ħal Safi u hemm attendenza mil-Qrendi. Kunsill Lokali tat-Tfal

15.15.11 Is-Sur Karmenu Farrugia tkellem fuq il-funtanta li hemm fil-Ġnien tal-Warda. Hu qal li din mhix taħdem. Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal li din taħdem bit-timer biex il-mutur jistrih. Madankollu, is-Sur Farrugia qal li l-mutur jinstema' jaħdem u ilma mhux jitla'. Funtanta

15.15.12 Is-Sur Karmenu Farrugia ilmenta għaliex din is-sena ir-Reġjun Punent mhux se jkun qed jiffinanzja l-ispejjez tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili biex jassistu ħalli jinħaraq in-nar fil-festi. Hu ippropona illi l-Kunsill Lokali tal-Qrendi jissostitwixxi din l-iskema li ġiet eżawrita billi jagħti €350 lil Kazin Santa Marija u €350 lis-Soċjetà Filarmonika Lourdes. Dwar dan kien hemm dibattitu u intlaħaq qbil. Din pero' se tkun one-time għal din is-sena mingħajr l-ebdà obbligazzjoni / preċedent għas-snin li ġejjin. Fondi tas-CPD

15.15.13 Is-Sur Karmenu Farrugia tkellem għan-nom tas-soċjetajiet li jaħarqu n-nar fil-festi speċifikament f'Ħal Lew. Hawnhekk il-Gvern Ċentrali ta medda konkos fuq art li kienet fi stat ta' *macadam*. Din issa għoliet 'il fuq u l-blokki tal-ġebel li kienu qed iservu biex jipproteġu lil min kien jaħraq il-murtal, issa ġew baxxi. Hu ippropona sabiex jinġiebu aktar blokki tal-ġebel biex il-ħajt jogħla aktar 'il fuq. Blokki għal waqt il-ħruq tan-nar

15.15.14 Is-Sur Karmenu Farrugia tkellem dwar il-bzonn li ssir Triq Gregorio Mifsud kif ukoll dwar *patching* li hemm bżonn fi Triq tal-Providenza, eżattament mal-ġibjun tal-Qrendi. Hawn is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri qal li l-KSI għadhom kemm ħaffru gandott biex għaddew *cables* tal-*Photovoltaic panels* li tpoġġew fuq il-ġibjun. Is-Sindku, zied jgħid li din it-triq qiegħda fir-rank numru 3 fil-lista li tajna lill-*Infrastructure Malta* biex tiġi asfaltata mil-ġdid. Triq Gregorio Mifsud u Triq tal-Providenza

15.16 **Ċedola tal-pagamenti SCH01, 05/6/25 – 07/7/25 u Petty Cash AC/06** Ċedola

Iċ-Ċedola tal-pagamenti u tal-*petty cash* murija hawn fuq kienu approvati b'vot unanimu.

15.17 **Data tal-laqgħa li jmiss** Aġġornament

Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-4 ta' Awwissu fil-5.30 filwaqt li din il-laqgħa intemmet fis-7.40pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvata llum 4/8/25 minn David Michael Schembri

Deputat Segretarju Ezekuttiv Sindku